# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Ottubru 2020

**Rikors Numru : 478/2019 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**MB**

**Vs**

**B'digriet tat-22 ta' Jannar 2020 ġew nominati Dr Leontine Calleja u PL Louisa Tufigno bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti YS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' **MB** datat 22 ta' Ottubru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu fl-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħdax (2011) ġewwa Vittoriosa Malta skond ma jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv illi qed jiġi anness esebit u mmarkat bħala Dok A.*

*Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa' mid-disgħa (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) skond ma jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi, li kopja legali tiegħu qed tiġi annessa, esebita u mmarkata bħala Dok B.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre li huma legalment separati, il-partijiet ilhom separati de facto għal dawn l-aħħar sitt snin, senjatament sa' minn Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) kif jirriżulta mill-klawsola tlieta (3) tal-imsemmi kuntratt u jgħixu ħajja totalment separati minn xulxin.*

*Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward ħlas ta' manteniment stante illi ai termini tal-klawsola ħamsa (5) tal-imsemmi kuntratt il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt tagħhom illi jitolbu manteniment mingħand xulxin.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66 B, tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex :-*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr Leontine Calleja (KI Nru 272169 M) u l-PL Louisa Tufigno datata 17 ta' Frar 2020, a fol 27 li taqra hekk:

*Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-każ u b'hekk jirriżervaw id-dritt li jippreżentaw risposta ulterjuri f'każ illi jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimata li ġew nominati sabiex jirrappreżentaw u b'hekk jitolbu minn issa lill-attur sabiex jipprovdi xi indirizz elettroniku sabiex huma*

*jkunu jistgħu jagħmlu kuntatt mal-intimata.*

*Illi jirriservaw li jagħmlu eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MB** xehed bil-ġurament ( fol 36 ) illi huwa iżżewweġ lil **YS** fl-1 ta' Diċembru 2011 u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi dan iż-żwieġ ma rnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fid-9 ta' Awwissu 2017. Xehed ukoll illi l-partijiet ilhom isseparati de facto sa' mill-2013. Illi minn dak inhar tas-separazzjoni *de facto* sa' llum ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas ma hemm tama li din ir-rikonċiljazzjoni isseħħ. Finalment xehed ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu***

***għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-1 ta' Diċembru 2011 (Vide Dok A fol 5) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Belizzi , datat 9 ta' Awwissu 2017 (vide fol 7 et seqq.) Jirriżulta ukoll – mir-rikors promotur guramentat, minn klawsola 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, u mix-xhieda ta' MB (fol 37) - illi l-partijiet ilhom separati *de facto* sa' minn Jannar tas-sena 2013 u ghalhekk ilhom de facto separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi bejn il-partijiet ma hemmx obbligu ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**